DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................... ĦINIJIET ................. POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ..................................... DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## IĠSMAIĦIRSA

*4 DRAMMI - p.158 (m/f)*

## SPETTATUR

### NIFTAKAR, KIEN HEMM ŻMIEN!

Jien? – ma jimpurtax min jien jien. Jew aħjar, għalik ma jistax jimporta. Għalija jimporta wisq biex ngħidlek. Jien spettatur – għalik biżżejjed.

/ ...Għajjien wisq. Għajjien. Dal-pajjiż mhux kbir wisq. M'ilix f'dawn l-inħawi wisq lanqas – bilkemm ilħaqt tliet staġuni. Ma tlift ebda rappreżentazzjoni, f'ebda teatru. U safrattant diġà ħlejt ruħi. Rajt kulma kien hemm x'tara; mort kull fejn kien hemm immur.

Għejejt malajr wisq...

Imma mhux minn dejjem kien hekk! Niftakar kien hemm żmien! – xi darba, ma niftakarx sewwa meta, imma kien hemm... xi darba... żmien. Kien hemm – naħseb.

(Jalla.) Din naħseb li l-aħħar tama tiegħi li nsib xi ħaġa biex inderri.

Għax qaluli wkoll, "Jeħtieġ idderri. Li għandek qalbek dgħajfa mhix skuża biżżejjed biex ma tagħmel xejn. Mur xi mkien," qaluli "interessa ruħek u qum ftit fuq tiegħek."

U jien ippruvajt kieku; mhux ħtija tiegħi li ma sibt xejn li jqanqalni – xejn li jimpenjani b'ruħi u ġismi. *(146)*

**ĦIN** MASSIMU ............ MINIMU .............

**PROPS** ................................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p.